MINUTI

Laqgħa tal-Kunsill Lokali BIRKIRKARA

# IS-SEBA' LEĠISLATURA

## Laqgħa Numru 77

**6 ta' Marzu 2018**

Il-Kunsilli Lokali BIRKIRKARA ltaqa' fl-Uffiċċju Amministrattiv tiegħu li jinsab fi Triq Tumas Fenech Birkirkara, fis-6.00 ta' filgħaxija.

**PREŻENTI:**

Joanne Debono Grech – Sindku
Rita Borg – Viċi Sindku
Kaylocke Buhagiar – Kunsillier
Mark George Abdilla – Kunsillier
Anthony Buttigieg – Kunsillier
John Mary (Jimmy) Calleja – Kunsillier
Herbert Conti – Kunsillier
John Mizzi – Kunsillier
Antoine Attard – Kunsillier
Owen Patrick Attard - Kunsillier

**ASSENTI b'APOLOĠIJI Skont Ordni Permanenti 14A (3):**
Michael Fenech Adami – Kunsillier
Marie Claire Zammit – Kunsillier
John Borg - Kunsillier

**ASSENTI**
Dr.Francesca Zarb - *Chairperson* Kumitat Amministrattiv *Fleur De Lys*
Matthew Mangion – *Chairperson* Kumitat Amministrattiv Swatar

**UFFIĊJAL PREŻENTI:**
Neil Spiteri – Segretarju Eżekuttiv

Fil-bidu tal-laqgħa kienu preżenti s-Sindku, is-Sinjura Joanne Debono Grech, il-Viċi Sindku s-Sinjura Rita Borg, u l-Kunsilliera, is-Sur Kaylocke Buhagiar, is-Sur Mark George Abdilla, is-Sur Anthony

Buttigieg, is-Sur John Mary (Jimmy) Calleja, is-Sur John Mizzi, is-Sur Herbert Conti, is-Sur Antoine Attard u s-Sur Owen Patrick Attard.

Għal din il-laqgħa kien hawn preżenti rappreżentanti minn IOT Malta Ltd.

Il-Kunsillier is-Sur Jimmy JM Calleja talab li l-kamra tkun sospiża sabiex issir minuta silenzju bħala turija ta' rispett lejn l-eks kunsillier is-Sur Michael Camilleri, li miet il-ġurnata ta' qabel. Din it-talba kienet milqugħa.

**77.1 Qari ta' l-ittri ta' apoloġiji**

77.1.1 Il-laqgħa tal-Kunsill fetħet fis-sitta ta' filgħaxija. Is-Sindku s-Sinjura Joanne Debono Grech fetħet il-laqgħa bit-talba.

77.1.2 Is-Segretarju Eżekuttiv qal li kellu tliet talbiet għal apoloġiji, minħabba xogħol u safar, mill-kunsilliera s-Sinjuri Michael Fenech Adami, Marie Claire Zammit u John Borg. Il-Kunsill aċċetta l-apoloġiji b'mod unanimu.

**77.2 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-minuti**

77.2.1 Il-minuti tal-laqgħa tal-Kunsill numru 75 ġew imqassma u ttieħdu bħala moqrija. Ma kienx hemm korrezzjonijiet.

77.2.2 Fuq proposta tas-Sindku s-Sinjura Joanne Debono Grech issekondata mill-Kunsillier is-Sur Anthony Buttigieg, il-minuti tal-laqgħa numru 75 ġew approvati bħala dokumenti korretti nem. con.

77.2.3 Il-minuti tal-laqgħa tal-Kunsill numru 76 ġew imqassma u ttieħdu bħala moqrija. Ma kienx hemm korrezzjonijet.

77.2.4 Fuq proposta tal-Kunsillier is-Sur Jimmy JM Calleja ssekondata mill-Viċi Sindku s-Sinjura Rita Borg, il-minuti tal-laqgħa numru 76 ġew approvati bħala dokumenti korretti nem. con.

**77.3 Kommunikazzjoni mis-Sindku**

77.3.1 Is-Sindku s-Sinjura Joanne Debono Grech fakkret illi fis-17 ta' April se ssir il-laqgħa annwali tal-lokalita'.

77.3.2 Is-Sindku s-Sinjura Joanne Debono Grech qalet illi fid-29 ta' Mejju, il-Kunsill flimkien mal-*Valletta 18* se jorganizza *solar cinema* fil-ġnien ta' Anthony Mamo.

77.3.3 Is-Sindku tat ukoll xi dati oħra għal attivitajiet diversi fosthom:
9 ta' Ġunju - Birkirkara maż-żminijiet,
7 ta' Lulju fis-7.30pm fis-sala tal-Kunsill - Attivita' Talent Żgħażugħ għall-*Community Chest Fund*
12 ta' Awwissu – Ftuħ uffiċċjali tal-monument għall-vittmi tan-nar
11 ta' Novembru – *Ringing for Peace*, flimkien ma'pajjiżi tal-*Commonwealth* biex titfakkar il-mitt sena minn mindu spiċċat l-ewwel gwerra dinjija.

77.3.4 Is-Sindku s-Sinjura Joanne Debono Grech qalet li qed nippreparaw erba' kotba biex joħorġu matul din is-sena, li huma dwar rakkonti (Tarċisju Zarb), laqmijiet (Profs Briffa), niċeċ (Philip Xuereb) u Storja ta' Birkirkara. Se nkunu qed inħaddmu l-mudell li bih kien ħareġ il-ktieb *Born in Birkirkara*.

77.3.5 Is-Sindku s-Sinjura Joanne Debono Grech qalet illi wara l-proċess ta' *procurement*, il-latrini tal-Wied u Santwarju nfetħu għall-pubbliku.

77.3.6 Is-Sindku s-Sinjura Joanne Debono Grech qalet li l-Kunsill se jieħu sehem f'*Malta Clean Up* fit-22 ta' April fejn il-Kunsill se jisponsorja skip u boroż ta' skart.

77.3.7 Dwar Triq Għar il-Ġobon, u t-*traffic restrictions* li hemm, hija qalet li qed tinġabar petizzjoni u kif tkun lesta tingħadda lil TM biex din it-triq terġa' tinfetaħ għal kulħadd l-Erbgħa u l-Ġimgħa.

77.3.8 Is-Sindku s-Sinjura Joanne Debono Grech qalet illi l-permess dwar id-Dar ta' l-Anzjani fi Triq Ganu qiegħed fil-proċess li joħroġ. Hemm xi residenti kontra imma l-Kunsill huwa favur dan l-iżvilupp.

77.3.9 Is-Sindku qalet li kellmuha xi residenti minn Triq Fleur de Lys dwar applikazzjoni PA454-18 li jinvolvi xi bini ta' flats. Kien hemm diskussjoni u l-Kunsillier is-Sur Mark George Abdilla qal illi ma għandniex bħala kunsill noqogħdu nidħlu f'kull każ għax noħolqu preċedent. Il-Kunsillier is-Sur Anthony Buttigieg qal illi hemm il-Bord tal-PA li jara li kollox sew. Il-Kunsill qabel illi ma joġġezzjonax għal dan l-iżvilupp.

77.3.10 Is-Sindku rreferiet għal proġett ieħor illi hemm previst għall-parti d-dejqa ta' Triq Karm Pirotta, fejn f'dan il-każ qalet illi l-Kunsill ma jistax ma joġġezzjonax għax l-uniku aċċess għar-residenti ħa tingħalaq.

77.3.11 Is-Sindku qalet illi wara li konna tkellimna dwar *traffic management* fejn Tommaso Dingli, rċeviet petizzjoni mir-residenti li joqogħdu Triq il-Ferrovija l-Qadima għax dawn qed joġġezzjonaw minħabba li se jkollhom żieda kbira ta' vetturi għaddejjin mit-triq tagħhom. Is-Sindku qalet li aħna rridu nisimgħu minn dawn ir-residenti wkoll u għalhekk ħa twaqqaf il-proċess. Ma kienx hemm oġġezzjoni.

77.3.12 Is-Segretarju Eżekuttiv qal li l-impjegat is-Sur Jason Caruana talbu biex iżid il-ħinijiet u jaqleb *full time*. Is-Sindku qalet illi meta wieħed jikkunsidra li għandna żewġ persuni b'*long term leave*, din mhix idea ħażina. Ħadd ma oġġezzjona u s-Segretarju se jagħti risposta lill-impjegat.

77.3.13 Is-Segretarju Eżekuttiv qal illi rċevejna ittra elettronika mill-*Bicycle Advocacy Group* dwar il-*gratings* li hawn fit-toroq fejn dawn qed jallegaw illi kif inhuma ddisinjati, huma ta' periklu għas-sewwieqa, fil-fatt kien hawn inċident. Żvolġiet diskussjoni u finalment il-Kunsill qabel li jitlob direzzjoni minn *Transport Malta u l-Flood Relief Project* minħabba li mhux tajjeb li nagħmlu spejjeż mingħajr ma nkunu ċerti jekk hux se nkun hemm riperkussjonijiet għal terzi persuni eż jekk hux se jlaħħqu mal-*flood* ta' l-ilma f'każ ta' xita u problemi oħra. Apparti minn hekk ċerti *gratings* li hemm huma f'toroq arterjali li jaqgħu taħt TM u mhux taħtna.

77.3.14 Is-Sindku ħabbret illi l-Kunsill reġa' rebaħ il-flus mid-dipartiment għas-serata kulturali ta' moda ma' l-istilisti Charles and Ron.

77.3.15 Is-Sindku pproponiet illi l-ġnien tal-Wied jissemma għal Lippu Sammut li kien tella' l-qanpiena l-kbira u ma hawn xejn imsemmi għalih. Il-kunsill qabel nem. con.

**77.4 Tweġibiet għall-mistoqsijiet tal-Kunsillieri**

77.4.1 Il-Viċi Sindku s-Sinjura Rita Borg talbet lill-kunsill jagħmel CCTV camera fi Triq Karm Sammut għax qed ikun hemm munzelli ta' l-iskart.

77.4.2 Il-Kunsillier is-Sur Antoine Attard qal illi hu qed jattendi għal-laqgħat tal-LEAP u hemm possibilta' li l-Kunsill jidħol fi proġett fejn permezz ta' l-isport issir integrazzjoni. Is-Sur Attard qal li dan il-proġett tal-*Malta Football Association* qed jieħu ħsiebu s-Sur Peter Busuttil, u qal li kien se jitolbu jattendi għal-laqgħa li jmiss biex jispjegalna aħjar. Is-Sindku u l-kunsilliera ma sabux oġġezzjoni.

77.4.3 Il-Kunsillier is-Sur Antoine Attard qal li hemm bżonn issir *sleeping police* fi Triq l-Imdina int u riesaq lejn l-Arkata ta' Fleur De Lys. Is-Sindku qalet li TM ma tagħtix permessi hekk ġo *bye-pass* u għalxejn se nitolbu.

77.4.4 Il-Kunsillier is-Sur Antoine Attard qal illi l-*Malta Tourism Authority* qed jisponsorjaw tabelli ta' informazzjoni, biex forsi napplikaw.

**77.5 *Pilot project Parking Sensors***

77.5.1 Rappreżentati mill-kumpanija IOT Malta, is-Sinjuri Daniel Calleja u Reuben Camilleri, talbu lill-Kunsill permess biex ikunu jistgħu jwettqu *pilot project* ta' *sensors* li jeħlu ma' l-art u jindikaw jekk il-post ta' parkeġġ hux mimli jew vojt. It-test se jsir fi Triq it-Torri. Żvolġiet diskussjoni dwar numru ta' temi relatati. Finalment il-Kunsill ma sabx oġġezzjoni li jsir dan il-proġett pilota madankollu rabat lill-kumpanija illi jekk ikun hemm xi ilmenti minn *Transport Malta*, jkollhom iżarmaw dawn is-*sensors*. Ukoll dawn it-testijiet se jsiru b'xejn u bla obbligazzjoni.

**77.6 Rapporti Bord Evalwazzjoni**

77.6.1 Is-Segretarju Eżekuttiv ressaq tliet rapport ta' evalwazzjoni.

77.6.2 Tender BLC10-2017 – *Bulk Refuse*, il-bord irrakomanda lill-irħas offerent, is-Sur Saviour Mifsud, l-istess kuntrattur li għandna diġa.

77.6.3 Tender BLC11-2017 – Perit, il-bord irrakomanda lill-irħas offerent, *Med Developers Ltd*.

77.6.4 Tender BLC12-2017 – *Street Lighting*, il-bord irrakomanda lill-uniku offerent JF Mallia.

Il-Kunsill qabel mar-rakkomandazzjonijiet tal-Bord b'mod unanimu u dawn it-tliet tenders ġew b'hekk aġġudikati formalment.

**77.7 Ġnien Stazzjon**

77.7.1 Is-Sindku s-Sinjura Joanne Debono Grech qalet illi meta konna tkellimna dwar il-kjosk fi Ġnien Stazzjon, konna għidna illi jekk il-*Planning Authority* tħallih, konna lesti li nħalluh itella'

kamra mal-ħajt tal-latrini. Hi ssuġġeriet illi sakemm dan isir, u b'mod temporanju, nagħtu lil min rebaħ it-tender, kamra fl-istazzjon biex jużaha bħala *store*. Ma kienx hemm oġġezzjoni dejjem jekk din tkun ħaġa temporanja, it-titolu jibqa' tal-kunsill u l-Kunsill ma joħroġ xejn.

77.7.2 Is-Sindku talbet li jintfew il-mikrofoni u tkellmet dwar arranġamenti li qed isiru mal-pulizija biex jiżdiedu rondi fi Ġnien Stazzjon u ġonna oħra, naturalment bi spiża extra, kif ukoll mal-pulizija ta' l-ALE.

**77.8 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-iskeda tal-pagamenti 57, u Petty Cash**

77.8.1 L-iskeda tal-*Petty Cash* kienet approvata fuq proposta tal-Viċi Sindku s-Sinjura Joanne Debono Grech issekondata mill-kunsillier is-Sur John Mizzi.

77.8.2 L-iskeda ta' pagamenti numru 57 kienet approvata nem. con. Dan fuq proposta tal-Kunsillier is-Sur Herbert Conti ssekondata mill-kunsillier is-Sur Owen Patrick Attard.

77.8.3 Is-Sindku hawnhekk qalet illi se titlob lid-dipartiment sabiex is-Segretarju Eżekuttiv ikollu kuntratt tal-mobile għax iċempel lill-ħaddiema minn flusu. Jekk id-Dipartiment joħroġ il-permess, il-Kunsilliera ma sabux oġġezzjoni għal dan.

**77.9 Tmiem tal-Laqgħa u data tas-seduta li jmiss**

Il-laqgħa intemmet fis-7.10pm u ġiet aġġornata għat-tnejn 9 ta' April fis-6.30pm.

Konfermati, illum 9 ta' April 2018.

IFFIRMAT

| | |
|---|---|
| Joanne Debono Grech | Neil Spiteri |
| Sindku | Segretarju Eżekuttiv |